konnessjoni mal-Knisja ta' Ħal-Qormi fejn twieled, fil-paġna li kif kien jixraq għall-Għid, il-jum tal-mewt tiegħu, kienet tirrakkonta l-istorja glorjuża ta' Kristu Rxoxt.

Lis-Sinjura Hilda, u lil uliedu, Mary Rose u Marguerite, u lil żwiegħom u l-qraba ta' Ġużè Galea kollha, l-Akkademja tal-Malti tixtieq il-għomor, ċerta li wara "dan il-wied ta' dmugħ" ir-ruħ għażiża ta' Ġużè Galea rxuxtat ma' Kristu Rxoxt; u waqfet xi ftit issellem mill-ġdid lill-Fundatur ewlieni tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti/ta' l-Akkademja tal-Malti.

It-tislima tagħna llum lil Muscat Azzopardi u lil Galea titlob mill-membri ta' l-Akkademja llum dedikazzjoni akbar fl-interess tal-Malti ġo pajjiżna biex l-Akkademja tibqa' l-monument ħaj ta' dawn iż-żewġt erwieħ li tant ħadmu għaliha meta kienu magħna.

W.P.G.

### IL-MADONNA TAĊ-ĊOQQA

Wara stedina mill-President ta' l-Akkademja, Ġużè Diacono sejjer jikteb dwar it-teleserial kontroversjali tiegħu fil-ħarġa li jmiss ta' IL-MALTI, u jikkommenta dwar ir-reazzjonijiet li tnisslu minn dan it-teleserial, kif ukoll dwar il-motivi li wassluh biex jagħżel dan is-suġġett.




